# KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 10/11(15_12_11).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Diċembru 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, tal-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana – Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Viċi-Sindku u Is-Sur Patrick Grima – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fid-9 ta' Diċembru 2011.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u Uffiċjal Eżekuttiv.
6. Fondi Eco-Gozo – Proġett ta' Parti mill-Pjazza tal-Knisja.
7. Attivitajiet tal-Milied għat-Tfal u Anzjani.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 113/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 30096 rigward l-iskemi t' għajnuna għar-riabilitazzjoni tal-kampanja u l-ħitan tas-sejjieħ li għalihom jistgħu japplikaw il-Kunsilli Lokali preżentament.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 114/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Taħriġ għal Ideat Innovattivi fl-Applikazzjonijiet tal-Proġetti Kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 115/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 30429 rigward il-ħsieb li jinħolqu żoni pedonali fir-Rabat u fl-irħula t' Għawdex.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 116/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Talbiet mill-Kunsilli Lokali għal Self mill-Bank'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 117/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema Nazzjonali ta' Għajnuna għal Min Hu fil-Bżonn – Aġenzija għall-Pagamenti, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 118/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'EIE Excellence in Leadership Scholarship and Award'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 119/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Eżenzjoni mill-Obbligu tal-Ftuħ tal-Uffiċċju Amministrattiv nhar ta' Sibt (l-24 ta' Diċembru u l-31 ta' Diċembru 2011)'.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 120/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta' ta' Librerija Lokali'.

2.09 Il-Kunsill irċieva invit mingħand il-WasteServ Malta Ltd. sabiex il-Kunsill jattendi għas-*Seminar* 'Care Creates Change: Meeting the Challenge', fit-18 ta' Novembru 2011 fil-Mediterranean Conference Centre, Valletta.

2.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita' rigward il-Ġimgħa tal-Persuni b' Diżabilita' mit-3 sal-10 ta' Diċembru 2011 imtella' minn din il-Kummissjoni. It-tema hija 'Drittijiet tal-Persuni b' Diżabilita' – Mit-Tradizzjoni għall-Konvenzjoni'.

2.11 Il-Kunsill irċieva Avviż għall-Istampa maħruġ mill-Uffiċċju Elettorali rigward l-interruzzjoni tas-servizz tat-telefon fl-Uffiċċju Elettorali u fis-Sezzjoni tal-Karta tal-Identita' fil-Belt Valletta minħabba xogħol fuq is-sistema tat-telefon interna mill-24 sat-28 ta' Novembru 2011.

2.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Awtriċi tal-Ktieb 'Siltiet mill-Imgħoddi ta' Ħajti', li għadha kemm ippubblikat. Hija tat xi tagħrif dwar dan il-ktieb u ħajjret lill-Kunsill sabiex jakkwista kopja tiegħu.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-*Chairman* tal-Organising Committee of the Second Gozo International Voluntary Day Event (G.I.V.E.) u President tal-Gozo NGOs Association rigward l-attivita' G.I.V.E. fejn ser issir Regional Conference & Exhibit – Let's Volunteer! fis-6 u 7 ta' Diċembru 2011, fil-Ministeru għal Għawdex.

2.14 Il-Kunsill irċieva rapport maħruġ mingħand l-Ombudsman rigward 'Tagħrif dwar id-Dokument li qed jitqassam mill-Uffiċċju tal-Ombudsman'. Dan huwa dwar il-każ ta' l-applikazzjoni biex tinfetaħ Spiżerija f' Burmarrad.

2.15 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali stedina mingħand l-Association of Local Democracy Agencies (ALDA) għall-Konferenza STAND.UP (Strengthening Twinning Agreements and Networking for Development: United in Partnership) bit-tema 'International Conference Social Integration and Gender Equality through a Good Local Government System', fis-16 u 17 ta' Jannar 2012 fis-San Antonio Hotel and Spa, Buġibba.

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward il-Wirja li ġiet inawgurata fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru bl-isem 'Il-Bambini tal-Milied f' Malta, 350 Sena ta' Storja'.

2.17 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja ta' l-Aġenda u tal-Minuti tal-Laqgħa Nru.3/11 li saret fid-9 ta' Novembru 2011 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva kopja ta' *e-mail* mingħand persuna residenti fix-Xlendi li bagħat lill-Kumpanija Arriva rigward it-Trasport Pubbliku minn u lejn Ix-Xlendi. Huwa argumenta li meta kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet fit-triq tax-Xlendi, t-trasport pubbliku lejn Ix-Xlendi kien jgħaddi mill-Munxar bil-konsegwenza li residenti mill-Munxar u minn-naħa ta' fuq tax-Xlendi gawdew minn dan is-servizz. Huwa qed jissuġġerixxi li r-rotta għax-Xlendi tibda tgħaddi mill-Munxar.
Il-Kunsill jaqbel ma' dan is-suġġeriment u fil-fatt din it-talba ilha li saret mill-Kunsill.

3.02 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Public Private Partnership fuq Toroq. Il-Kunsill qed jiġi informat li d-Dipartiment ser jagħti s-somma ta' €160,146.62 jew 50% tal-istimi mogħtija fit-*tenders* fuq it-toroq: Triq ir-Rumani, Triq il-Kavallieri, Triq bla isem, Ix-Xlendi u Triq ta' Rinota/Andrijiet fil-Munxar u dan ix-xogħol irid isir f' sentejn.

3.03 Il-Kunsill Lokali għall-Isport u l-Għaqda Ġurnalisti Sport reġgħu ssieħbu biex jorganizzaw l-avveniment sportiv ta' kull sena li jiċċelebra s-suċċessi sportivi lokali, Sport Malta Awards – l-Għażliet Sportivi Nazzjonali. Huma qed jistiednu lis-Sindku sabiex jattendi għal dan l-avveniment.

3.04 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand proprjetarju ta' razzett fi Triq Ras il-Bajjada. Din il-persuna qed titlob sabiex rampa li tagħti mit-triq għar-razzett tagħha tinkesa bil-*concrete*. Is-Sindku kien ser jiċċekkja dwar din it-talba.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Utina Diving College Ltd. rigward it-talba tagħhom ta' *parking for loading and unloading*. Peress li t-TM ma aċċettatx it-talba tagħhom, huma qed jiċċaraw li qed jitolbu l-permess għal 40 minuta kull ġurnata. Ġie deċiż li din l-ittra tiġi rreferuta lit-TM.

3.06 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Moviment ta' Kana Għawdex rigward il-konkors 'Familja Qalb tad-Deheb' sena 2011. Il-Kunsill qed jiġi mistieden sabiex jinnomina familja għal dan il-ġieħ. Il-Kunsill iddeċieda li jinnomina lill-familja Bugeja ta' Triq Ras il-Bajjada.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-TM fejn qed tinforma lill-Kunsill li ma jistax jagħti permess ta' *trenching* bejn it-22 ta' Diċembru 2011 u t-2 ta' Jannar 2012.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Stephen Tabone fejn informa lill-Kunsill li għandu presepju kbir għall-wiri fi Triq Tarsu. Huwa qed jitlob lill-Kunsill sabiex jagħmel propaganda sabiex in-nies tal-Munxar iżuruh fejn ser ikun miftuħ għall-pubbliku fis-17 ta' Diċembru u 18 ta' Diċembru 2011 u jerġa' jkun miftuħ mit-23 ta' Diċembru 2011 sat-2 ta' Jannar 2012. Qed jistieden lill-Kunsill għall-ftuħ uffiċjali. Peress li din il-Wirja hija parti mill-Kultura huwa japprezza ħafna jekk jingħata xi għajnuna għall-ispejjeż. Il-Kunsill jinkuraġġixxi li jsiru wirjiet ta' din ix-xorta, iżda ma jistax jgħin peress li ma nħarġet l-ebda skema dwar dan mill-Kunsill.

3.09 Il-Kunsill permezz ta' Memo 7/2010 kien applika għall-iskema dwar Aċċessibilita' fil-Lokalitajiet. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li ser ningħataw l-ammont ta' €10,000 sabiex il-Kunsill Lokali jkun aċċessibbli.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 10/11(15_12_11).

**5.00 Il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u Uffiċjal Eżekuttiv.**

5.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-Uffiċjal Eżekuttiv. Is-Sindku ppreżenta r-rapporti u ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata *bonus* ta' 10% u l-Uffiċjal Eżekuttiv *bonus* ta' 6% skont ir-regolamenti finanzjarji tal-Kunsilli Lokali. Fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv ir-rapport ser jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kemm huwa kif ukoll l-Uffiċjal Eżekuttiv ser jibqgħalhom xi sigħat ta' *Vacation Leave* għas-sena 2011 li mhux ser ikun possibbli li jeħduh f' din is-sena. Għaldaqstant qed tintalab approvazzjoni mill-Kunsill sabiex is-Segretarju Eżekuttiv ikun jista' jħalli 76 siegħa u l-Uffiċjal Eżekuttiv tħalli 30 siegħa sabiex dawn jittieħdu fis-sena 2012. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill.

**6.00 Fondi Eco-Gozo – Proġett ta' Parti mill-Pjazza tal-Knisja.**

6.01 Il-Perit ġie mitlub sabiex inaqqas xi xogħlijiet mill-ewwel fażi tal-proġett. L-istima li tinkludi kostruzzjoni u għamara tat-triq hija ta' €158,035.00. Huwa ppjanat li din l-ispiża ser tiġi ffinanzjata mill-Fond Eco-Gozo - €70,000; UIF - €5,000; Applikazzjoni Memo 87/2011 Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali 2011 - €35,000 u Applikazzjoni Memo 63/2011 Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f' Lokalitajiet Żgħar - €40,000.

**7.00 Attivitajiet tal-Milied għat-Tfal u Anzjani.**

7.01 Bħalma għamel fi snin l-imgħoddija, l-Kunsill ser jorganizza Ħarġa għall-Anzjani tal-lokalita'. Din il-ħarġa ser issir bil-koperazzjoni taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Il-ħarġa ser issir il-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru 2011. Il-Kunsill ser jipprovdi t-trasport u *cake* għal kull persuna. Ser inżuru l-Museum of Toys, Ġgantija u presepji. Wara ser ikun hemm l-ikla li ser titħallas individwalment.

7.02 Għat-tfal u l-familja kollha l-Kunsill ser jorganizza Ħarġa għal Malta. Din ser issir fid-29 ta' Diċembru 2011 u ser inżuru l-Limestone Heritage, Wirja tal-Bambini u s-Sala ta' l-Arazzi. Il-Kunsill kien ser iħallas it-trasport f' Malta u Għawdex u dħul fil-Mużewijiet. Ser jintalab ħlas ta' €2.50 għal persuna adulta u €1.50 għat-tfal.

**8.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

8.01 Ix-xogħlijiet fil-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957 tlestew u din il-Pjazzetta ġiet inawgurata fit-12 ta' Diċembru 2011, f' Jum Il-Munxar.

Dan l-aħħar saret talba sabiex żewġ ħitan tas-sejjieħ jitranġaw peress li waqgħu fl-aħħar maltempata.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku attenda għal-laqgħa mal-MEPA rigward il-garanzija għax-xogħlijiet ta' restawr tal-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi. Din il-garanzija ser titnaqqas għal €1,200. Ser jiġu riveduti wkoll il-garanziji li ser isiru sabiex jiġu restawrati n-niċeċ.

9.02 Is-Sindku kellu laqgħa mal-Ministru għal Għawdex rigward il-fond Eco-Gozo. Peress li x-xogħol ma huwiex ser jinbeda fis-sena 2011, huwa talab estenzjoni sabiex ix-xogħol ikun jista' jsir fil-bidu tas-sena 2012. Il-Ministru talbet approvazzjoni mingħand il-finanzi fejn dawn approvaw.

9.03 Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Mario Camilleri għamlu parti minn delegazzjoni għal żjara fi Brussels organizzata mir-Reġjun t' Għawdex.

9.04 Din is-sena l-Kunsill iċċelebra Jum Il-Munxar li sar fit-12 ta' Diċembru 2011. Bħas-snin l-imgħoddija, din is-Serata kienet suċċess.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva ilment li Triq ta' Bardan tinsab fi stat ħażin u hemm il-bżonn li titranġa sabiex jiġi evitat aktar ħsarat lill-vetturi. Is-Sindku kien ser ikellem lir-Roads Division sabiex jipprovdu l-*cold asphalt*.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Fil-Pjazza tal-Knisja hemm xi toqob tal-festa li nfetħu. Ħaddiema ta' l-IPSL kienu ser jimlew dawn it-toqob.

12.02 F' Tal-Ponta ntefa' xi radam għax-xifer tal-baħar. Is-Sindku kellem lill-persuni mħarrġa fl-*abseiling* sabiex ineħħu dan ir-radam. Huma qed jitolbu donazzjoni ta' €150.00.

12.03 Bħal kull sena, din is-sena l-ikla ta' l-aħħar tas-sena ser issir fl-4 ta' Jannar 2012 fil-Lukanda Ta' Ċenċ. Il-Kunsill ser iħallas sa €30 għal kull Kunsillier u impjegat tal-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 19 ta' Jannar 2012, fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |